TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/3/17/S

Vincienne Sciberras
Vs
SMS Mondial Ltd

Illum 19 ta'Lulju,2017.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Vincienne Sciberrasipprezentata fl-4 ta'Jannar,2017 u r-risposta tas-socjeta SMS Mondial Ltd ipprezentata fit-18 ta'Jannar,2017;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fis-seduta tal-25 ta'Mejju,2017;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'transfer' mill-port ghall-ajruport ta'Ruma fejn ir-rikorrenti stenniet barra t-'terminal' filwaqt li s-socjeta intimata sostniet li kellha tistenna hdejn il-vapur. It-'taxi' telqet wara certu hin u r-rikorrenti kellha thallas biex hi u familtha jittiehdu l-ajruport;

Illi din il-pendenza setghet facilment tigi risolta minghajr il-bzonn ta' rikors ghal dawn il-proceduri;

Illi jinghad mal-ewwel li mid-dokument ipprezentat mis-socjeta intimata mar-risposta, ma jirrizultax fid-dettal fejn it-'taxi' kellha tigbor lir-rikorrenti;

Illi fl-imsemmi dokument, il-'pick-up point' hu mnizzel bhala "Civitavecchia Cruise Port" izda m'hemmx indikat fejn u cioe jekk hux gewwa jew barra l-imsemmi 'terminal';

Illi gjaladarba ma hemmx indikat f'iktar dettal, kien jinkombi fuq is-socjeta intimata li tindika b'mod car u dettaljat fejn se jsir il-gbir tal-passiggieri;

Illi min-naha l-ohra, ir-rikorrenti kellha indikazzjoni (DokFGX3) biex mal-ewwel iccempel fuq in-numru tal-emergenza izda dan m'ghamlitux;

Illi oltre dan, is-socjeta intimata kellha taghmel cert li kwalsiasi nuqqas ta' ftehim, jigi rizolt b'mod immedjat u fi ftit hin u mhux jiehu diversi minuti bil-konsegwenza li t-'taxi' telqet ghax kellha xoghol iehor;

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-talba rikorrenti ghandha tintlaqa' *in parte*;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' limitatament it-talba ta' Vincienne Sciberras filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta SMS Mondial Ltd u Jordna lill-istess SMS Mondial Ltd thallas lil Vincienne Sciberras is-somma ta' €97.50 rapprezentanti tlitt-kwarti mill-hlas ta' "taxi" li r-rikorrenti inkorriet, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta intimata.

Richard Sladden Av.
Arbitru